31993R1859

IR-REGOLAMENT TAL-KUMISSJONI (KEE) Nru 1859/93

tat-12 ta' Lulju 1993

dwar l-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-importazzjoni għat-tewm importat minn pajjiżi terzi

IL-KUMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbillixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħaxix ([1]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 746/93 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22b tiegħu,

Billi l-Artikolu 22b tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 jipprovdi għall-possibiltà ta' introduzzjoni ta' sistema ta' liċenzi għall-importazzjoni ta' ċerti prodotti li jidhru li huma sensittivi u li jiġu importati bi kwantitajiet relattivament kbar;

Billi t-tendenzi tradizzjonali fl-importazzjoni tat-tewm qed jiżdiedu b'mod qawwi u bħala konsegwenza għandhom jiġu adottati miżuri biex l-importazzjoni ta' dak il-prodott tiġi monitorjata mill-qrib;

Billi l-aktar mod xieraq kif dak il-għan jista' jintlaħaq huwa li tiġi introdotta sistema ta' liċenzi ta' l-importazzjoni li tkun teħtieġ li jgħaddi perijodu stabbilit bejn meta titressaq l-applikazzjoni u meta attwalment tinħareġ il-liċenza kif ukoll li tkun tinvolvi d-depożitu ta' garanzija li tkun tirrifletti l-valur tal-prodott, biex jiġi żgurat li jkun hemm konformità da parti ta' l-operaturi ma' l-obbligi tagħhom; billi t-terminu tal-validità tal-liċenzi għandu jieħu in konsiderazzjoini l-fatturi tas-suq fil-każ tal-prodott li jkun.;

Billi r-Regolament tal-Kumissjoni (KEE) Nru 3719/88 tas-16 ta' Novembru 1988 li jistabilixxi r-regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzi ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ċ-ċertifikati ta' l-iffissar bil-quddiem ta' prodotti agrikoli ([3]), kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 2101/92 ([4]), għandu japplika;

Billi l-Kumitat Maniġerjali għall-Frott u l-Ħaxix ma ressaq ebda opinjoni fiż-żmien stipulat mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-tewm (kodiċi NM 0703 20 00) għandu jiġi rilaxxjat għaċ-ċirkolazzjoni libera fil-Komunità bil-kundizzjoni li jiġu ppreżentati l-liċenzi ta' l-importazzjoni maħruġa mill-Istati Membri konċernati lill-partijiet kollha konċernati li japplikaw għalihom, ikunu fejn ikunu stabbiliti fil-Komunità, skond l-Artikoli 2 u 3.

Artikolu 2

1. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu bil-kundizzjoni li tiġi depożitata garanzija ta' 1,5 ECU kull 100 kilogramm bl-użin nett. Il-garanzija tintilef kollha kemm hi jew parti minnha jekk il-kwantitajiet stipulati fil-liċenza ma jiġux rilaxxjati għaċ-ċirkolazzjoni libera, inklella jekk parti minnhom biss tiġix rilaxxjata, matul iż-żmien tal-validità tal-liċenza.

2. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal 40 jum mid-data tal-ħruġ tagħhom kif hemm definit fl-Artikolu 3(2).

Artikolu 3

1. Fitt-taqsima 8 ta' l-applikazzjoni għal-liċenza ta' l-importazzjoni u tal-liċenza ta' l-importazzjoni għandu jiġi indikat il-pajjiż ta' l-oriġni tal-prodott. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu validi għal prodotti li joriġinaw mill-pajjiż indikat fit-Taqsima 8 tagħha.

2. Il-liċenzi ta' l-importazzjoni għandhom jinħarġu fit-tielet ġurnata tax-xogħol li tiġi wara l-ġurnata li fiha tkun tressqet l-applikazzjoni minbarra meta jkunu ttieħdu miżuri matul dak iż-żmien.

Iżda, il-liċenzi ta' l-importazzzjoni li tkun saret applikazzjoni għalihom sat-tielet ġurnata jew fit-tielet ġurnata li tiġi wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jinħarġu immedjatament.

Artikolu 4

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill Kummissjoni dwar:

1. il-kwantitajiet koperti mill-applikazzjonijiet għall-liċenzi ta' l-importazzjoni, flimkien mal-kodiċi NM konċernat, il-kwantitajiet imqassma skond il-pajjiż ta' l-oriġini.

   Dik l-informazzjoni għandha tiġi notifikata kif ġej:

   — kull nhar ta' Erbgħa, rigward l-applikazzjonijiet imressqa t-Tnejn u t-Tlieta ta' dik il-ġimgħa,

   — kull nhar ta' Ġimgħa, rigward l-applikazzjonijiet imressqa l-Erbgħa u l-Ħamis ta' dik il-Ġimgħa,

   — kull nhar ta' Tnejn, rigward l-applikazjonijiet imressqa l-Ġimgħa tal-ġimgħa ta' qabel;

([1]) ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.
([2]) ĠU L 77, tal-31.3.1993, p. 14.
([3]) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
([4]) ĠU L 210, tal-25.7.1992, p. 18.

2. il-kwantitajiet koperti minn liċenzi ta' l-importazzjoni li ma jkunux ġew użati jew li jkunu ġew użati parzjalment, li jkunu jikkorrispondu mad-differenza bejn il-kwantiajiet dikjarati fuq in-naħa ta' wara tal-liċenzi u l-kwantitajiet li għalihom ikunu nħarġu.

Dik l-informazzjoni għandha tiġi notifikata kull nhar ta' Erbgħa, għar-rigward ta' l-informazzjoni li tkun ġiet riċevuta l-ġimgħa ta' qabel.

Jekk ma tkunx tressqet ebda applikazzjoni għal-liċenza f'wieħed mill-perijodi msemmija fil-punt 1 jew jekk ma jkunx hemm ebda kwantità li ma ġietx użata kif imsemmi f'punt 2, l-Istati Membri in kwestjoni għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'dan fil-jiem indikati f'dan l-Artikolu.

Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum li jiġi wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-12 ta' Lulju 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni